

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2514****tal-14 ta' Diċembru 2022****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajjnuna mill-Istat orizzontali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajjnuna mill-Istat,

Billi:

- (1) Fl-2019, il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-istrumenti settorjali applikabbli għall-għajjnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura sa mill-adozzjoni tagħhom fl-2014-2015, inkluż ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 <sup>(2)</sup>, bil-ħsieb li temendahom jew tħassarhom għall-perjodu 2021-2027. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni wrew li r-Regolament (UE) Nru 717/2014 jibqa' għodda rilevanti, effiċjenti u effettiva, b'mod partikolari biex jippermetti lill-Istati Membri jittrattaw malajr l-impatti negattivi fuq perjodu qasir ta' żmien li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet mhux mistennija li jistgħu jipperikolaw il-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi vijabbli kif ukoll l-impjegji.
- (2) Fil-kuntest tal-evalwazzjoni msemmija fil-premessa (1) u wkoll biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jagħtu ammonti żgħar ta' għajjnuna sakemm jiġi adottat ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 <sup>(4)</sup> estenda l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 717/2014 sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (3) Wara l-konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-għajjnuna mill-Istat fl-11 ta' Marzu 2022 u fid-9 ta' Settembru 2022, u fid-dawl tal-preżentazzjonijiet li waslu fil-kuntest tal-konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni kompliet ir-riflessjoni tagħha dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-emenda tar-Regolament (UE) Nru 717/2014.
- (4) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiffinalizza l-pożizzjoni tagħha dwar il-kwistjoni u tiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jagħtu ammonti żgħar ta' għajjnuna f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 717/2014, huwa xieraq li jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu b'effett mill-1 ta' Jannar 2023 u sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jagħtu għajjnuna *de minimis* mingħajr ebda interruzzjoni, hemm bżonn li dan ir-Regolament jidħol b'urġenza.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 717/2014 jiġi emendat skont dan,

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajjnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414, 9.12.2020, p. 15).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 717/2014, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2023.”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---